**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs**
**Joseph Piscopo**

Illum 11 ta' Novembru 2019

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Piscopo ta' 36 sena, iben John Mry u Noella Xuereb, imwieled gewwa l-Pieta' nhar l-4 ta' Lulju 1981, residenti 22, Flat 22, Triq Sant' Anna Floriana u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 347081(M).

Akkuzat talli fil-21 ta' Awwissu 2016 ghall-habta ta' 18.00hrs gewwa Triq Ix-Xatt Pieta:

1. Waqt li kien qed isuq vettura ta' l-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni EBS 102, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila f'l-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Salvatore Attard mill-Pieta.
2. Saq vettura ta' l-ghamla BMW bin-numru ta' registrazzjoni EBS 102 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz

Il-Qorti, giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lil-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatar ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll

tissosspendi jew tirrevoka l-licenzja tas-sewqan ta'l-imputat ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; u
3. 17, 31, 533 u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat id-degriet mghoti fil-11 ta' Lulju 2019 permezz ta' liema giet michuda talba ta' l-imputat biex kwistjoni milli sollevata tigi riferuta lil Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar il-21 ta' Awwissu 2016 ghall-hatbta tas-06.00pm fi Triq ix-Xatt Pieta meta vettura ta' tip BMW, b'numru ta' registrazzjoni EBS 102, misjuqa mill imputat tajjret lil Salvatore Attard, anzjan ta' disa' u sebghin sena, li sfortunatament tilef hajtu bhala konsegwenza; dwar dan l-incident inzammet inkjesta magisterjali[2].

Illi l-ufficjal prosekutur xehdet[3]. Fid-depozizzjoni taghha hija tat rendikont tar-rapport li kien sar lill-pulizija u ta l-investigazzjoni li segwiet. Hija fil-fatt qalet li malli giet infurmata bil-kaz marret fuq il-post ta'l-incident pero meta waslet Salvatore Attard kien diga ittiehed l-isptar. Saru l-ewwel verifiki fuq

---

[1] A fol 209.
[2] L-atti relattivi huma esebiti a fol 16 et seq.
[3] Depozizzjoni a fol 142 et seq.

il-post, cioe hdejn it-traffic lights li hemm hdejn id-dar ghall-anzjani Marina Home fi Triq ix-Xatt. Ix-xhud spjegat ukoll li peress li Attard kien fil-perikolu tal-mewt gie infurmat il-Magistrat ta'l-ghassa li ordna li issir inkjesta; l-esperti nominati accedew fuq il-post. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li jumejn wara, u cioe fit-23 ta' Awissu 2016, Salvatore Attard miet. L-ufficjal prosekutur xehedet ukoll in kontro-ezami[4] meta ikkonfermat dak li qalet fid-depozizzjoni taghha u ghalfejn ghadda ftit tal-hin sa kemm waslet fuq il-post. Spjgeta ukoll li fil-post fejn sehh l-incident jkun hemm hafna nies minhabba li hemm bus stop pero kien is-surgent li kkonstata minn kien ra dak li sehh u li allura seta' jissejjah bhala xhud.

Illi xehedu zewg pulizija ohra: PS 309 Brian Xuereb[5] u exPC1369 Joseph Camilleri[6] li kienu l-ewwel zewg pulizija li waslu fuq il-post ta'l-incident[7]. Huma spjegaw li saru l-ewwel kostatzzjonijiet fuq il-post u hadu mizuri biex jipprezervaw ix-xena; meta waslu fuq il-post Attard kien diga ittiehed l-isptar.

Illi tressaq ukoll bhala xhieda rapprezentanti ta' Transport Malta:

- Stephen Cachia[8] li tressaq bhala xhud tal-prosekuzzjoni. Huwa kkonferma li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet registrata f'isem l-imputat pero wara l-incident giet traferieta lil terza persuna; mid-dokumenti li huwa esebixxa[9] jirrizulta li l-vettura kienet licenzjata u assikurata.
- Emanuel Gatt[10] li tressaq bhala xhud mill-imputat. Huwa jikkonferma li t-traffic lights li hemm fil-post ta'l-incident fil-fatt huma pelican lights u l-limitu tal-velocita f'dik il-parti tat-triq huwa ta' tlettin kilometru fis-siegha; huwa prezenta pjanta tal-post[11]. Waqt id-depozizzjoni tieghu l-imputat prezenta aerial view u ritratt[12].

[4] Depozizzjoni a fol 241 et seq.
[5] Depozizzjoni a fol 154 et seq.
[6] Depozizzjoni a fol 164 et seq.
[7] Fil-fatt l-ewwel wasal is-surgent u wara wasal il-kuntistabbli.
[8] Depozizzjoni a fol 170 et seq.
[9] Dok SC1 a fol 172 et seq.
[10] Depozizzjoni a fol 229 et seq.
[11] Dok EG1a fol 236.
[12] Doks PJP1 a fol 235 u Dok PJP2 a fol 237.

Illi tressqet ukoll bhala xhud Markita Ellul[13] in rapprezentanza ta' Mapfre Middlesea li kkonfermat li l-vettura misjuqa mill-imputat kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni.

Illi tressqu biex jixhdu zewg xhieda okkulari: Leon Caruana, li kien rikeb fil-vettura ta'l-imputat fil-hin ta' l-incident; u Stephen Cook, li kien fil-vicinanzi tal-post fejn sehh l-incident. Dawn iz-zewg persuni xehedu kemm fil-kors ta'l-inkjesta kif ukoll quddiem din il-Qorti fil-kors tal-proceduri odjerni.

Illi meta xehed fil-kors ta'l-inkjesta[14] Leon Caruana jghid li fil-gurnata in ezami huwa kien riekeb bhala passiggier fil-vettura misjuqa mill-imputat. Kienu ghaddejjin fi Triq ix-Xatt, Pieta fil-karreggjata ta' barra u meta waslu vicin tal-pedestrian crossing sema' hoss qawwi, ra xi haga gejja fid-direzzjoni tieghu mal-windscreen u wara titgerbeb ma'l-art; meta hareg mill-vettura nduna li dik "il-haga" kienet persuna. Jghid li hu lil din il-persuna ma kienx rah gej minn imkien. Caruana izied li hu kellu xokk kbir fuqu u li wara li hareg mill-karrozza mar faccata man-naha l-ohra sa kemm gew il-wardens. Huwa ta din id-depozizzjoni tieghu fit-22 ta'Awissu 2016 u ghalhekk l-ghada ta'l-incident.

Illi quddiem din il-Qorti xehed darbtejn. Waqt l-ewwel depozizzjoni[15], li nghatat fid-9 ta' April 2018 u allura ftit aktar minn sena u seba' xhur wara l-incident, jikkonferma li kien fil-vettura ta'l-imputat u kienu qed isuqu fi Triq ix-Xatt Pieta gejjin mid-direzzjoni tal-Belt lejn ta' Xbiex. Hu spjega li "*naqra wara l-lights hareg ragel minn bejn il-karozzi u qisu qasam minn bejn il-hadid*". Kompla jghid lil Attard hu rah x'hin qabzu l-lights meta kien hemm ftit metri bejnithom jghid ukoll li hu rah f'nofs tat-triq gej "*min-nofs tat-triq ghan-naha tal-bini*"[16] u li ma jiftakarx f'liema karreggjata kien qed isuq l-imputat. Caruana jghid ukoll li l-imputat kien ma kienx qed isuq "*b'hafna speed*", b'xi erbghin jew hamsa u erbghin kilometru fis-siegha. Aktar 'l quddiem f'din id-depozizzjoni, mistoqsi f'liema parti tal-vettura ntlaqat

[13] Depozizzjoni a fol 181 et seq.
[14] Depozizzjoni a fol 110 et seq.
[15] A fol 184 et seq.
[16] Ghandu jigi rilevat (anke kif parzjalment rifless fit-traskrizzjoni) li f'dan l-istadju tad-depozizzjoni l-imputat beda jipprova jissuggerixxi lix-xhud.

Attard jghid li m'ghandux idea u jipprova jiggustifika dan billi jghid: "*dan anqas rajnih hiereg, jien nghid ghaliha ma rajtux hiereg smajt daqqa u ppanikjat*". Aktar minn hekk pero jerga jtenni li Attard kien qed jaqsam "*min-nofs ghall-bini*", haga li jerga jikkonferma aktar 'l quddiem. Pero mbaghad, konfrontat b'dak li kien qal waqt l-inkjesta, ikkonferma li hu fil-fatt ma kien ra xejn fis-sens li lil Attard ma rah f'l-ebda hin jekk mhux ma'l-art wara li hareg mill-vettura ghaliex hu sema biss hoss li ma kienx jaf x'kien. Jispecifika ukoll li fiz-zmien ta'l-incident ma kienx isuq u li l-licenzja tas-sewqan gabha ghall habta ta' Frar 2018.

Fit-tieni depozizzjoni, mghotija f'l-4 ta' Frar 2018[17], issa in kontro-ezami jikkonferma li l-imputat jahdem f'l-istess post fejn jahdem hu u li kien jghaddi ghalih peress li ma kienx isuq. Jikkonferma ukoll li fil-hin ta'l-incident it-traffic lights kienu hodor ghall-vetturi u homor ghall-pedestrians pero jghid ukoll li hu ma kienx qed isegwi it-triq u li hu kull ma jaf hu li sema hoss u hareg ippanikjat; dan il-fatt ikkonfermah diversi drabi. Pero ftit wara jghid li lil Attard kull ma rah kien ma'l-art izied dan il-kliem: "*u hiereg minn fuq il-bankina kif kont ghidtilkom min-naha ta' fejn hadna l-kafe wara. Jien bil-hasda kull ma rajt lilu u bum u hrigt minn gol-karozza. Jigifieri jien ma rajt xejn. Jiena dan a split of a second ghax dan qabad u hareg minn fuq l-ahdar u lanqas tippretendi*." Mbaghad kompla jghid li Attard qasam minn fejn jidhlu tal-linja, minn hdejn l-istage u li qasam djagonalment u li l-imputat kellu ghajnejh fuq it-triq. Dawn l-ahhar twegibiet tahom kollha fuq suggeriment dirett ta'l-avukat ta' l-imputat.

Illi fid-depozizzjoni tieghu fil-kors ta'l-inkjesta[18] Stephen Cook jghid li dak in-nhar ta'l-incident huwa kien flimkien mal-familja tieghu; kien miexi in-nizla mill-Hamrun ghall-Msida. Meta waslu f'l-ahhar tan-niezla ("*bottom of hill*") ra ragel anzjan miexi fit-triq xi erbgha jew hames piedi 'l boghod mill-pedestrian crossing; l-anzjan (cioe Salvatore Attard) kien qed jaqsam it-triq djagonalment. Cook spjega li huwa ma rax minn fejn kien qasam Attard ghaliex kien diga qed fit-triq meta rah; jghid ukoll li Attard ghall-ewwel kien miexi bil-mod, ra l-vettura gejja u ghaggel u meta l-vettura avvicinatu anke

[17] A fol 223 et seq.
[18] A fol 11 et seq.

hareg idejh. Cook ikompli jghid li dak il-hin ix-xemx kienet niezla u bhala konsegwenza kien hemm blind spot u ghalhekk zgur li x-xuffier ma setax jara lil Attard jaqsam. Dwar it-traffic lights jghid li kienu homor ghall-pedestrians u hodor ghall-vetturi. Cook jghid ukoll li Attard intlaqat bil-genb tal-vettura u li bid-daqqa inqaleb[19], rasu habtet mal-windscreen li nfaqghet, tar  xi tmien piedi f'l-arja u spicca biex waqa xi zewg jew tlett piedi aktar 'l boghod. Huwa mar jigri hdejn Attard li kien ghadu haj u qal ajma; ix-xhud prova jghin lil Attard kif seta. Huwa ta din id-depozizzjoni tieghu fis-27 ta'Awissu 2016 u ghalhekk sitt ijiem wara l-incident.

Illi quddiem din il-Qorti xehed darbtejn. Waqt l-ewwel depozizzjoni[20] li nghatat f'l-4 ta' Dicembru 2017, u allura bejn wiehed u iehor sena u tlett xhur wara l-incident, jikkonferma li kien miexi mal-familja tieghu mill-Hamrun ghall-Imsida u ra lil Attard jaqsam mill-bus stop u kkummenta lil martu li din kienet haga perikoluza hafna minhabba li l-karozzi jigu b'velocita u li dik kienet main road. Malli qallha hekk lil mara, giet vettura minn wara l-kantuniera[21], Attard prova jahrabha il-vettura pero qabditlu saqajh u tajjritu f'l-arja u waqa xi erba' jew hames piedi quddiem il-vettura. F'din id-depozizzjoni hu zied li Attard ghadda minn bejn il-barrikati li hemm hdejn il-bus stop u u mar fit-triq u qasam djagonalment. Jghid ukoll li l-vettura ta'l-imputat kienet qed tinstaq fil-karreggjata ta' barra. Mistoqsi biex jiccara liema kantuniera kien qed jirreferi ghaliha meta xehed fil-kors ta'l-inkjesta huwa qal li kien qed jirreferi ghal bend li hemm fit-triq fejn sehh l-incident. Mistoqsi jekk indunax b'xi mizuri li seta ha l-imputat biex jevita lil Attard jghid li huwa sema' hoss ta' break (*a big breaking noise*) u li wara l-incident ra l-break marks fit-triq. Eventwalment f'din id-depozizzjoni u konfrontat b'dak li qal waqt l-inkjesta ikkonferma li mad-daqqa Attard tar f'l-ajru pero ma jistax jghid bi precizjoni kemm tar 'l fuq.

Fit-tieni depozizzjoni, mghotija fit-2 ta' Lulju 2018[22], issa in kontro-ezami ix-xhud specifika li dawk il-barrikati fil-fatt kienu "*those little bollards*" li

[19] "he flipped"
[20] A fol 149 et seq.
[21] "from round the corner"
[22] Depzizzjoni a fol 211 et seq.

ghandhom ir-riklami fuqhom u li Attard ghadda minn bejniethom u qasam it-triq djagonalment fid-direzzjoni ta' fejn kien hemm il-pedestrian crossing. Aktar minn hekk huwa ikkonferma xi fatti li kien irrakkonta fid-depozizzjonjiet precedenti.[23]

Illi l-imputat ta depozizzjoni tieghu fil-kors ta'l-inkjesta[24]. Huwa jghid li fil-gurnata in ezami kien qed isuq fi Triq ix-Xatt Pieta u li passigier fil-vettura tieghu kien hemm Leon Caruana; huma kienu sejrin ix-xoghol. L-imputat jghid li huwa jghaddi minn din it-triq xi ghoxrin darba fil-gimgha u dan f'hinijiet diversi tal-gurnata. Dwar l-incident innifsu l-imputat jghid li x'hin wasal hdejn il-pedestrian crossing kien qed isuq b'velocita normali, li huwa ddeskrivi bhala velocita ta' bejn erbghin u hamsin kilometru fis-siegha, u li kellu x-xemx f'ghajnejh. L-imputat ikompli jghid li ra lil Attard jaqsam minn bejn is-sigar u l-hadid li man-naha tax-xellug tieghu u anke specifika li lil Attard rah meta kien ghadu jimxi fuq il-bankina u niezel got-triq. Mbaghad ikompli jghid hekk: "*jien ma waqqaftx il-vettura ghaliex ghax kien hu li ried jieqaf waqt li jien kelli nibqa ghaddej peress li d-dawl ghalija kien ahdar*". L-imputat jikkonkludi d-depozizzjoni tieghu billi jghid li waqt li kien qed isuq ma kienx qed jitkellem ma Caruana.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal b'referenza ghall-incident in ezami kienet inzammet inkjesta u inhatru diversi esperti.

Illi PS122 Arthur Borg, *scene of crime officer*, gabar xi affarijiet minn fuq ix-xena; dawn huma elenkati fir-rapport tieghu[25].

Illi l-espert forensiku Dr Mario Scerri[26] u l-esperti patologi l-Professur Camilleri Podesta u Dr Salfraz[27] ghamlu kostatazzjonijiet ta' natura medika. Mir-rapporti taghhom jirrizulta li Salvatore Attard miet kawza tal-griehi li

---

[23] Ghandu jigi rilevat li meta kien qed jixhed in kontro-ezami x-xhud beda joffri divrsi opinjonijiet; il-Qorti qed tinjora dawn l-opinjonijiet ghaliex Stehen Cook huwa xhud okkulari u jista jghid biss dak li ra; opinonijiet jistghu jaghtuhom biss persuni kompetent nominati bhala esperti mill-Qorti.
[24] Depozizzjoni a fol 109 et seq.
[25] Dok AB a fol 29 et seq.
[26] Ir-rapport tieghu, Dok MS, huwa esebiet a fol 70 et seq.
[27] Ir-rapport kongunt taghhom: Dok MTC, huwa esebiet a fol 90 et seq.

soffra f'divrsi partijiet ta' gismu meta intlaqghat mill-vettura misjuqa mill-imputat.

Illi esperti ohra noominati kienu WPC 363 Caroline Maeilak, l-Perit Richard Aquilina u l-PL Mario Buttigieg. Minn dak li jidher mir-ritratti tax-xena tad-delitt mehud minn WPC 363 Caroline Meilak[28] u mill-kostatazzjonijiet li ghamlu l-espert tat-traffiku il-PL Mario Buttigieg[29] u l-perit Richard Aquilina[30] jirrizultaw diversi fatturi ohra li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom:

- L-incident sehh fi Triq ix-Xatt Pieta fin-naha li mill-Pieta taghti ghall-Msida, fil-parti d-dritta tat-triq u 5.3 metri 'l fuq mill-pedestrian crossing ezatti max-xellug minn fejn tisbokka Triq Qrejten.
- Illi f'dik il-parti taghha Triq ix-Xatt, (cioe fejn hemm il-pedestrian crossing) fid-direzzjoni mill-Pieta ghall-Imsida, ghandha tlett karreggjati: dik fix-xellug estrem hija bus lane; bejn din il-karreggjata u t-tnejn l-ohra hemm "strip" li fiha hemm sigar u fil-parti tal-lemin ta' din l-"istrip" hemm reklami fi framework tal-hadid. It-triq f'dik il-parti hija dritta.
- Meta sehh l-incident kien ghadu d-dawl, it-triq kienet xotta, t-temp kien tajjeb u l-vizibilita tajba.
- Ma kienx hemm break marks jew tyre marks.
- L-impatt sehh f'nofs il-karreggjata tal-lemin meta Attard kien lahaq qasam tlett kwarti tat-triq Attard intlaqghat mill-parti centrali tan-naha ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-imputat, tar ghal fuq il-bonnett u l-windscreen u fil-waqt li kien qed jaqa ma'l-art habat mas-side view mirror tan-naha tal-lemin tal-vettura. Huwa waqa fil-genb tal-karreggjata kwazi mac-central strip.
- Il-hsara fil-vettura misjuqa mill-imputat (minbarra dik fuq il-windscreen u s-saqaf) kienet quddiem u fil-genb man-naha tax-xufier.

Illi l-espert il-PL Mario Buttigieg issejjah biex jixhed quddiem din il-Qorti ukoll. Fid-depozzizjonijiet tieghu[31] huwa kkonferma l-verzjoni mghotija mill-imputat fil-kors ta'l-inkjesta u ikkonferma l-velocita li kien qed  isuq biha l-

[28] Ritratti li jiffurmaw parti mir-rapport minnha redatt Dok CM a fol 37 et seq.
[29] Ir-rapport tieghu: Dok MBX, huwa esebiet a fol 102 et seq. Il-PL Buttigieg tressaq biex jixhed quddiem din il-Qorti; huwa ntalab jikkjarifika xi kostatazzjonijiet li ghamel fir-rapport.
[30] Ir-rapport tieghu Dok RA huwa esebiet a fol 59 et seq.
[31] A fol 160 et seq u a fol 200 et seq.

imputat. Huwa ikkonferma ukoll li skond l-informazzjoni mghotija Attard ma qasamx minn fuq il-pedestrian crossing u li ghalkemm hemm liwja f'dik il-parti tat-triq il-vizwali xorta hija tajba partikolarment ghal min ikun qed isuq fuq il-karreggjata ta' barra.

## KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PROVI PRODOTTI

Ikkunsidrat

Illi qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet li bihom qed jigi addebietat l-imputat il-Qorti hija tal-fehma li huma opportuni xi osservazzjonijiet dwar il-provi prodotti.

Illi l-ewwel osservazzjonijiet li jehtieg li jsiru jirreferu ghad-depozizzjoni li nghatat mill-imputat fil-kors ta'l-inkjesta.

Illi jirrizulta ampjament mill-atti processwali li din li d-depozizzjoni inghatat wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat pero, u konformament ma' dak li kienet tipprovdi il-Ligi dak iz-zmien, minghajr ma nghata d-dritt li jkun assistit waqt li kienet qed tinghata dik id-depozizzjoni.

Illi wara l-gbir tal-provi tal-partijiet l-imputat, lmenta li l-mod kif ittiehdet id-depozizzjoni tieghu u il-mod kif gie implimentat mid-dritt ta' konsulenza ma' avukat qabel it-tehied tad-depozizzjoni kienu jilledu d-drittijiet fundamentali tieghu, talab lil din il-Qorti biex tirreferi l-kwistjoni sollevata lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali). Permezz ta' degriet mghoti fil-11 ta' Lulju 2019, u ghar-ragunijiet hemm premessi, il-Qorti cahdet din it-talba bhala wahda vessatorja.

Illi wara din it-talba ma saret l-ebda talba ohra fir-rigward ta' din id-depozizzjoni inkluz xi talba biex id-depozizzjoni tigi dikjarata prova inammissibbli jew biex il-Qorti tiskartaha meta tkun qed tikkunsidra l-kaz. Anzi jidher li l-imputat accetta din id-depozizzjoni bhal prova in atti tant li waqt is-sottomissjonijiet li saru f'isem l-imputat saret referenza ghal dak li qal f'dik id-depozizzjoni in sostenn ta'l-argumenti mressqa minnu b'mod

partikolari ghal dak li qal dwar minn fejn ra lil Attard jaqsam u dwar il-fatt li kellu x-xemx f'ghajnejh fil-hin ta'l-incident.

Illi skond l-ahhar gurisprudenza dwar stqarrijiet rilaxxjati f'cirkostanzi simili ghal dik in ezami, dawn l-isqtarrijiet mhumiex necessarjament inammissibli bhala prova u li ma jistax jinghad a priori li l-uzu taghhom jilledi d-drittijiet fundamentali tal-persuna li irrilaxxjatha[32].

Illi tenut kont ta' din il-gurisprudenza, tenut kont li l-imputat huwa ragel adult u ma jistax jitqies bhala persuna vulnerabbli u dan anke meta ta d-depozizzjoni, u tenut kont ukoll li huwa l-imputat stess li qed jaghmel uzu mid-depozzizzjoni tieghu in sostenn ta'l-arguementi minnu maghmula, il-Qorti hijia tal-fehma li tista' tqis din l-istqarrija bhala prova ammissibli flimkien mal-provi l-ohra kollha prodotti.

Ikkunsidrat

Illi huma opportuni ukoll osservazzjoniijiet dwar il-kredibilita o meno taz-zewg xhieda Leon Caruana u Stephen Cook.

Illi Leon Caruana biddel il-verzjoni tieghu diversi drabi, mhux biss minn depozizzjoni ghall-ohra imma diversi drabi f'l-istess depozizzjoni. Fid-depozizzjoni mghotija l-ghada ta' l-incident, meta l-fatti relevanti kienu l-aktar friski f'mohhu huwa jghid li ma jaf xejn fis-sens li fil-fehma tieghu l-imputat kien qed isuq b'velocita normali u li hu lil Attard ma rahx f'l-ebda hin jekk mhux meta hareg mill-vettura wara l-incident li dwaru kull ma jaf li sema hoss qawwi u ra "*xi haga*" ttir u tahbat mal-windscreen. Fiz-zewg okkazzjonijiet l-ohra meta ddepona, issa quddiem il-Qorti, u meta kien ghadda ferm aktar zmien mid-data ta' l-incident huwa beda "jiftakar" affarijiet li qabel ma kienx jaf. Per ezempju darba jghid li lil Attard rah hiereg minn bejn il-karozzi u qasam qisu minn bejn il-hadid, f'okkazzjoni ohra jghid li rah gew minn fuq il-bankina fejn hemm il-kafe, darba ohra jaghmel referenza ghall-

[32] Ref Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello deciz 17 ta' Ottubru 2019 fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) wara li ghaddiet in rassenja l-gurispudenza in tema, iccitat b'approvazzjoni l-ahhar sentenza mghotija tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq dan is-suggett cioe Farrugia vs Malta, deċiża fl-4 ta' Ġunju 2019. F'din l-ahhar sentenza l-Qorti Ewropea waslet għal konklużjoni li ma sehhet l-ebda lezjoni tad-dritt ghal smigħħ xieraq tar-rikorrent.

istage fis-sens li Attard qasam minn fejn l-istage u li qasam djagonalment. Pero jghid ukoll diversi drabi li Attard qasam mic-central strip ghan-naha tal-bini. Kull darba li ghamel dawn l-asserzjonijiet pero, ftit wara u/jew ftit qabel ikun asserixxa ukoll li lil Attard ma kienx rah jekk mhux wara l-incident.

Illi mill-provi jirrizulta li x-xhud Leon Caruana ma kienx isuq u ma kellux licenzja ta-sewqan; mikejja dan Caruana jippretendi li jista jgid b'liema velocita kien qed isuq l-imputat. Aktar minn hekk meta gie suggerit lilu li ma setax jara lil Attard mill-pozizzjoni tieghu fil-vettura ta' l-imputat, Caruana jghid li huwa ma kienx qed "*isegwi t-triq*" fis-sens li ma kienx qed jaghti kaz tat-triq ghax mhux hu kien qed isuq u jirribadiexxi *"jien kif diga ghidtilkom, smajt il-hoss u hrigt ippanikjat".* Minkejja dan u fuq suggeriment ta'l-avukat ta'l-imputat jikkonferma li d-dwal kien hodor ghal-vetturi. Caruana kompla biex ikkonferma kull suggeriment li sarlu in kontroezami ghalkemm beda jasserixxi fatti li kienu in kontradizzjoni netta ma fatti ohra gia asseriti minnu mhux biss fid-depozizzjonijiet principali tieghu imma anke fil-kontro-ezami stess.

Illi hemm fattur iehor li jipprokkupa lill-Qorti dwar id-depozizzjoni ta' Caruana u cioe li waqt l-ewwel depozizzjoni tieghu quddiemha, Caruana beda jfittex l-approvazzjoni ta'l-imputat. Aktar minn hekk l-imputat prova jintervjeni meta dak li qal Caruana ma kienx ta' gradiment ghalih.

Illi dan premess u wara li l-Qorti kellha l-opportunita tosserva l-kompartament tax-xhud waqt li kien qed jiddeponi, ma tistax hlif tiskarta dak li jghid fiz-zewg depozizzjonijiet mghotija quddiemha ghaliex ix-xhud assolutament ma kienx kredibbli f'dak li jasserixxi.

Ikkunsidrat

Illi Stephen Cook ukoll jaghmel xi asserzjonijiet li jimminaw xi ftit il-kredibilita tieghu f'xi aspetti tad-depozizzjoni tieghu. Per ezempju waqt l-inkjesta huwa jghid li hu ma kienx jaf minn fejn qasam Attard ghaliex l-ewwel darba li rah kien diga fit-triq qed jaqsam djagonalment xi erba' hames piedi 'l boghod mill-pedestrian crossing. Meta mbaghad iddepona quddiem il-Qorti jinsisti li Attard qasam minn fejn il-bus stop billi ghadda minn bejn dawk ir-

reklami. Dwar it-triq jaghti l-impressjoni li Attard qasam minn wara xi kantuniera, li tista' titqies bhala blind corner meta eventwalment jammetti li kull m'hemm fit-triq hija liwja. Aktar minn hekk, dejjem fid-depozizzjoni quddiem din il-Qorti, Cook jghid li huwa sema hoss ta' break: "*a big breaking noise*" u li ra l-break marks fit-triq. Dan huwa kontradett mill-kostatazzjonijiet li ghamlu l-esperti: huma fil-fatt ma nnutaw l-ebda break marks fit-triq. Haga ohra li kienet tispikka fid-depozizzjoni ta' dan ix-xhud quddiem il-Qorti kienet il-hegga mhux biss li jesprimi opinjonijiet dwar il-komportament ta'l-imputat u tal-vittma imma anke jaghmel koststazzjonijiet li kienu jisspettaw biss lill-esperti.

Illi tenut kont tas-suespost, u l-komportament tax-xhud waqt li kien qed jiddeponi, il-Qorti hija tal-fehma tista' taghti affidabilita biss lil dak li qal fil-kors ta'l-inkjesta.

Ikkunsidrat

Illi b'referenza ghall-provi f'dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun ukoll li jsiru xi osservazzjonjiet fuq xi konkluzzjonjiet li wasal ghalihom l-espert Mario Buttigieg.

Illi dan l-espert jghid li wara li sehh l-incident Attard tar tmintax punt tlett metri minn quddiem il-vettura; dan huwa ikkostatah mill-pozizzjoni tal-vettura u il-pozizzjoni tar-roqa demm li halla l-vittma.[33] Din id-distanza ta' tmintax punt tlett metri hija wahda mill-fatturi li jittiehdu in konsiderazzjoni fil-kalkoli li jsiru biex jistabilixxi l-velocita li kien ghaddej biha l-imputat[34].

Illi jekk wiehed jara l-pjanta redatta mill-espert l-iehor il-Perit Richard Aquilina, pero, u tenut kont li Attard intlaqghat mill-genb tal-vettura li kienet qed tinstaq fil-karreggjata ta' barra, id-distanza ta' tmintax il-metru tkun tfisser li Attard intlaqat qabel il-pedestrian crossing meta l-provi kollha jindikaw li ntlaqat wara l-pedestrian crossing.

[33] Ref ir-rapport ta'l-espert Dok MBX: para 4.8 a fol 107 .
[34] Ref id-depozizzjoni ta' l-espert: l-ahhar paragrafu a fol 162 depozizzjoni

Illi għalhekk il-Qorti ser tiskarta il-konkluzzjonijiet ta'l-espert Mario Buttigieg in kwantu jirreferu għad-distanza ta' tmintax punt tlett metri u għall-velocita li biha kien qed isuq l-imputat[35].

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat b'zewg imputazzjonijiet: sewqan traskurat, bla kont u perikoluz; u l-omicidju involontarju ta' Salvatore Attard.

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' offiza involontarja hemm bzonn

> *li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi filkaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta ddiligenza tal-kaz konkret*[36].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

> *Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-*

[35] Ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li l-espert imsemmi ikkonkluda li l-imputat kien qed isuq b'velocita ta' bejn 44 u 53 kilometru fis-siegha; l-imputat da parti tieghu jghid li kien qed isuq b'velocita ta' bejn 40 u 50 kilometru fis-siegha; ghalhekk jidher li minkejja iz-zball fid-distanza l-konkluzzjoni ta'l-espertxorta kienet wahda korretta.

[36] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li linteressi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, lartikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., irregolamenti infassra minn sid*

*ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja talhajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, millbanda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[37]

Illi f'sentenza ohra taghha[38], il-Qorti ta'l-Appell Kriminali regghet ghamlet ezami approfondiet tad-dottrina u gurisprudenza in tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Louis Portelli[39] kompliet hekk:

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*

[37] Ref Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.
[38] Pulizija vs Saverina sive Rini Borg deciza 31.07.1998.
[39] Op cit.

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi middisattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. Limperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta'osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'. Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta'kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa dejjem il-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta'imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta'reati minhabba nonosservanza ta' ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn ilkazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta'osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan lelement tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' lagent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta'attenzjoni jew prudenza fi grad ta'persuna normali.*

Illi f'din l-istess sentenza il-Qorti qalet ukoll li:

*Hu risaput li dan l-element tal-prevedibilita, fil-kaz tal-kolpuz fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruhu l-Archbold "**a reckless disregard for the safety of others**[40]' u hu propju dan li jgib in-negligenza kriminali.*

Illi ghalhekk dak li jrid jigi pruvat f'kaz ta' offiza involontarja huwa kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami biex tissussisti l-ewwel imputazzjoni trid tigi pruvata kondotta volontarja u negligenti (kif hawn spjegat) ta' l-imputat, u ness ta' kawzalita bejn din il-kondotta ta'l-imputat u l-mewt ta' Salvatore Attard.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jikkontendi li Salvatore Attard kien negligenti fil-mod kif qasam u li permezz ta' din in-negligenza holoq imprevist li, rinfaccjat bih l-imputat ma setax jiehu azzjoni diversiva. Id-difiza ta'l-imputat fil-fatt hija bazata fuq l-emergenza subitanea li nholqot minhabba n-negligenza ta' Attard.

Illi dwar dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jista jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghamlet ezami approfondit l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri[50]. Hemm dik il-Qorti kwotat diversi awturi u anke gurisprudenza:

*In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

1. *la volontarieta dell'atto;*
2. *la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
3. *la possibilita di prevedere.*

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk*

---

[40] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

*l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 millQorti ta' l-Appelli Kriminali)"*

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

*L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tarregoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:*

*"Si tratta di regole di condotta volute a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti:*
*a) la violazione di una regola;*
*b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.*

*In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:*

1) *un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
2) *un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
3) *l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*
4) *la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

*Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm* ***sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq[41].*** *Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.*

Illi stabbiliti dawn il-pricipji u sa biex jkunu jistghu jigu applikati ghall-kaz in ezami irid jigi stabbilit ukoll x'doveri kellhom f'l-uzu tat-triq kemm l-imputat, in kwantu is-sewwieq tal-vettura, kif ukoll ta' Salvatore Attard in kwantu pedestrian.

Illi dwar l-obbligi u l-imgieba mistennija minn sewwieqa u pedestrians kellha okkazzjoni taghmel sintezi tal-gurisprudenza in tema l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Mario Angelo Zammit[42].

*Issa, minn ezami ta' bosta sentenzi, hija evidentement distingwibbli x' ghandha tkun l-imgieba tas-sewwieq u tal-pedestrian, qua utenti tat-triq:-*

*(1) "***Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq anke jekk il-pedestrian jaqsam negligentement** *u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi*

[41] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[42] Deciza 30.09.2009.

*dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'posizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' pedestrian. Il-kaz li fih* ***id-driver jista' jkun ezentat mir-responsabilita` hu dak biss fejn il-pedestrian,*** *b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu,* ***ikun qieghed lid-driver f'posizzjoni li, anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment*** *" – "Il-Pulizija -vs- Dockyard PC 347 Carmel Mifsud", Appell Kriminali, 26 ta' Gunju 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 859).*

*(2) "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian f'dik il-konsegwenza" – "Il-Pulizija -vs- Alfred Caruana", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju 1955 (Kollez. Vol. XXXIX P IV p 1031).*

*(3) "Il-pedestrian ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam 'with reasonable dispatch'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-pedestrian meta si tratta ta' uncontrolled crossing" – "Il-Pulizija -vs- Joseph Formosa", Appell Kriminali, 4 ta' April 1959 (Kollez. Vol. XLIII P IV p 1027).*

*(4) "Hu veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta' l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut; u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza.* ***Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza*** *" – "Il-Pulizija -vs- George Muscat", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1961 (Kollez. Vol. XLV P IV p 947).*

*Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anna Rita sive Anita Camilleri deciz fil-25 ta' Settembru 2003, intqal:*

*"Illi gie ritenut in subiecta materia illi l-pedestrian ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.* ***Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' reasonable care li tinhtieg.***[43] *Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali Il-Pulizija vs. J. Formosa, Vol. XLIII. P. IV p. 1023).*

*"F'sentenzi ohra imbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavvera ruha, e.g. 'meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat' (App. Kriminali Il-Pulizija vs. J. Thornton Vol. XLV. P. Iv p. 920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza.' (App. Kriminali Il-Pulizija vs. Cassar Desain Vol. XLVI. P.IV. p765) .*

*"Mill-banda l-ohra pero` gie ukoll ritenut li driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-sudden emergency meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera [13.12.1968]). Dan ghaliex f'kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn self inflicted incapacity effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.*

*"Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (App. Kriminali Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri (16.3.1961); Il-Pulizija vs. John Polidano (3.11.1963); Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud (XXXVII . p.IV. p.1131) u ohrajn) Dana ghaliex il-*

[43] Is-sottolinear huwa kollu ta' din il-Qorti.

*contributory negligence ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."*

*Huwa dezumibbli minn dawn il-gudikati illi kemm il-pedestrian kif ukoll il-konducent ta' vettura ghandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fic-cirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti iehor li jemergi minn dawn l-istess gudikati huwa dak li biex driver ta' vettura jiskansa ruhu minn addebitu ta' htija jrid juri li hu gie rinfaccjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu. Dan aktar u aktar meta "fi trieqtu jinzerta nies li minhabba l-eta` taghhom jew ghal xi raguni ohra ma jkollhomx la dik ic-celerita` ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik l-izveltezza ta' movimenti, li jehtiegu ccirkostanzi mprovvizi" – "Il-Pulizija -vs- Joseph Thornton", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu 1961 (Kollez. Vol. XLV P IV p 920).*

Ikkunsidrat

Illi l-incident in ezami sehh meta Salvatore Attard kien qed jaqsam Triq ix-Xatt, ftit 'l boghod minn pedestrian crossing regolat b'pelican lights u ntlaqghat mill-vettura misjuqa mill-imputat.

Illi r-Regolament 89 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 jistabbilixxi li:

*meta t-triq tkun markata b'linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa' taghha, jew b'sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta' nies bil-pass, il-vetturi kollha li jkunu qed jersqu lejn dak il-passagg ghandhom imexxu bil-mod u, jekk ikun hemm bzonn ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu, u ma ghandhom f'ebda kaz jaqsmu l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzawh.*

Illi r-Regolament 125 ta'l-istess Avviz Legali li jirregola s-sinjali tad-dawl tat-traffiku jispecifika, fil-paragrafu 4, li

*it-traffiku tal-vetturi li jkun miexi skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan ir-regolament ghandu jibqa' miexi* ***wara li jiehu kont xieraq tas-sigurezza ta' l-ohrajn li jkunu juzaw it-triq***[44] *...*

---

[44] Sottolinear tal-Qorti

Illi dan il-Regolament huwa rifless f'l-insenjament tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali meta qalet li

> *fuq pedestrian crossing ... id-drivers ghandhom ikollhom l-akbar awareness u alertness ghall-prezenza jew movimenti ta' pedestrians.*[45]

Illi huwa principju ben stabbilit ukoll li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "proper look out". Gie ritenut li

> *Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout…*
>
> *Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[46]

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li

> *... biex nuqqas ta'proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[47]

Illi dwar velocita m'hemmx dubju li *speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjetali tal-mument*[48]

Illi dan il-principju ben assodat fil-gurisprudenza jemergi ukoll mill Highway Code li jesigi dan mis-sewwieqa ta' vetturi:

---

[45] Pulizija vs Christopher Siegersma: op cit
[46] Pulizija vs Roderick Debattista: Appell Kriminali deciza 26 ta'Mejju 2004
[47] Pulizija vs Joseph Grech: deciza 6 ta' Gunju 2003
[48] Pulizija vs Haden Vella op cit

> *Adapt your driving to the appropriate type and condition of road you are on. In particular ....... do not treat speed limits as a target. It is often not appropriate or safe to drive at the maximum speed limit.*[49]

Illi dwar speed limits l-istess Highway Code jistabbilixxi li:

> *These are absolute maximum speeds, but* ***there are numerous situations where prudence demands a lower speed*** *in view of road surface and configuration, weather conditions, traffic density and presence of pedestrians or other hazards.*[50]

Ikkunsidrat

Illi dwar kif u minn fejn qasam Salvatore Attard il-Qorti tista' tistrih biss fuq id-depozizzjoni ta' l-imputat u sa certu punt ta' Stephen Cook. L-imputat jghid li hu lil Attard rah hiereg minn bejn is-sigar u l-hadid, u ghalhekk mhux minn fuq il-pedestrian crossing. Stephen Cook qal li meta hu rah l-ewwel darba lil Attard, dan kien diga fit-triq u li kien xi erba' jew hames piedi 'l boghod mill-pedestrian crossing u kien qed jaqsam djagonalment.

Illi dawn l-asserzjonijiet isibu konfort fil-kostatazzjonijiet li ghamlu l-esperti, u minn fatti ohra li jirrizultaw ampjament. F'dan ir-rigward issir referenza ghal-posta fejn waqfet il-vettura ta'l-imputat, il-post fejn waqa' finalment Attard, il-post fejn instabu kemm ir-roqa tad-demm kif ukoll it-tracci tad-demm, u anke il-post fejn instab in-nuccali li kien liebes Attard.

Illi dwar meta qasam Attard, kemm l-imputat u Cook jghidu li dak il-hin id-dwal tal-pelican crossing kien ahdar ghall-vetturi u ahmar ghall-pedestrians. F'l-atti processwali m'hemm l-ebda prova ohra li tista' titfa' dawl dwar dan il-fatt. Fic-cirkostanzi u b'applikazzjoni tal-principju in dubbio pro reo il-Qorti ser ikollha tassumi li d-dwal kienu kif qalu l-imputat u Cook u li ghalhekk x'hin qasam Attard, ftit metri 'l boghod mill-pedestrian crossing, id-dawl kien ahmar.

Illi Attard naqas li josserva obbligi imposti fuqu bhala pedestrian; fil-fatt huwa kien messu qasam minn fuq il-pedestrian crossing wara li d-dwal qalbu hodor.

[49] Ir-regola 220.

[50] Regola 273. Is-sottolinear huwa tal-Qorti.

Huwa m'ghamilx hekk pero dan ma jfissirx necessarjement li ghandu jassumi ir-responsabbilta tas-sinistru jew li l-agir tieghu kien il-kawza prossima ta'l-incident. Fil-fatt huwa principju ben stabbilit fid-dottrina u fil-gurisprudenza li n-negligenza tal-parte leza mhux necessarjament tezonera lill-imputat, li xorta ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu jekk dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni li tkun il-kawza prossima tas-sinistru[51]. F'dan il-kaz, u cioe jekk tirrizulta in-negligenza kontributorja tal-parte leza, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi imposta.

Illi mill-provi jirrizulta ukoll li Attard kien lahaq qasam it-triq kollha meta ittajjar. Dan jista jigi dezunt minn diversi fatti: il-hsara fil-vettura turi li Attard intlaqghat min-naha tal-lemin ta' quddiem tal-vettura. Il-vettura kienet qed tinstaq fil-karreggjata tal-lemin ghalhekk zgur li Attard kien kwazi lahaq qasam it-triq.

Illi l-imputat jghid li kien qed isuq b'velocita ta' bejn erbghin u hamsin kilometru fis-siegha u li kellu ix-xemx f'ghajnejh. Il-limitu tal-velocita f'dik il-parti tat-triq huwa ta' tletin kilometru fis-siegha[52] konsegwentement l-imputat kien qed isuq b'velocita aktar minn dik regolamentari. Fil-verita indipendentement minn dak li jghid l-imputat li kienet il-velocita li kien qed isuq biha, din il-velocita tista' tigi dezunta ukoll mill-konsegwenzi ta'l-incident b'mod partikolari il-fatt li Attard tkaxkar fuq il-bonnett, habat mal-windscreen b'mod li faqghu, u tar diversi metri sa kemm spicca ma'l-art. Zgur li kieku l-imputat kien qed isuq b'tletin kilometru fis-siegha ma kienx ikun hemm dawn il-konsegwenzi.

Illi waqt is-sottomissjonijiet magmula f'isem l-imputat saret emfasi fuq dik il-parti tad-depozizzjoni ta'l-imputat meta jghid li rah lil Attard; rah meta kien ghadu fuq il-bankina (cioe l-istrip li hemm bejn il-bus lane u z-zewg karreggjati l-ohra), rah jghaddi minn bejn ir-riklami, u rah niezel fit-triq[53]. Ix-xhud Stephen Cook ra lil Attard meta diga kien fit-triq; hu jghid li Attard kien miexi bil-mod u prova jghaggel meta ra il-vettura gejja. La darba Attard kien miexi bil-mod u laghaq qasam sas-central strip meta ttajjar, fil-waqt li l-imputat kien qed isuq b'velocita li zgur kienet aktar minn tletin kilometru fis-

---

[51] Pulizija vs Christopher Siegersma: Appell Kriminali deciza 12 ta' Lulju 2007

[52] Dan jirrizulta mir-ritratt esebit Dok PJP2 a fol 237 u mid-depozizzjoni tar-rapprezentant ta' Transport Malta Emanuel Gatt a fol 233. Huwa fil-fatt kjarifika li it-tabella li tidher fir-ritratt Dok PJP1 u li tindika li jispicca il-limitu tal-velocita ta' tletin kilometru tirreferi ghas-side street cioe ghall-bus lane.

[53] L-emfasi saret in sostenn tat-tezi li l-incident ikkawzah Attard u mhux l-imputat.

siegha, u la darba l-imputat ra lil Attard meta kien ghadu fuq "il-bankina" bil-fors li kien hemm certu distanza bejn Attard u l-vettura ta' l-imputat meta Attard iddecieda li jaqsam ghaliex altrimenti Attard ma kienx jilhaq jaqsam kwazi zewg karreggjati. Skond ir-regolamenti u l-gurisprudenza fuq kwotati l-imputat kellu l-obbligu li jnaqqas il-velocita pero dan, ex admissis l-imputat naqas li jaghmlu. L-imputat fil-fatt jghid hekk fid-depozizzjoni tieghu: "*jien rajtu jaqsam minn bejn is-sigar u l-hadid min-naha tax-xellug tieghi, rajtu miexi meta hu kien fuq il-bankina u nizel got-triq. Ghalkemm jien ma waqqaftx il-vettura ghax kien hu li ried jieqaf waqt li jien kelli nibqa ghaddej peress li d-dawl ghalija kien ahdar*."[54]

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li kieku l-imputat naqqas il-velocita jew ghafas il-break malli ra lil Attard ghaddej minn bejn ir-reklami, jinzel il-bankina u jibda jaqsam, kieku l-impatt ma kienx is-sehh jew jekk isehh zgur li ma kienx ikollu il-konsegwenzi li fil-fatt kellu, u fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata *kieku l-imputat uza id-diligenza mistennija minnu u kieku osserva r-regolamenti l-investiment seta' jigi evitat*.

Illi lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u fi kliem il-Porfessur Mamo[55], l-imputat *could have forseen it (*l-investiment) *as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which was foreseeable.*

Illi in vista tas-suespost fil-fehma tal-Qorti jirrizulta ampjament li l-kawza prossima ta'l-incident kienet din in-negligenza ta' l-imputat u mhux il-fatt li Attard qasam ftit 'l boghod mill-pedestrian crossing u meta d-dwal kienu homor ghall-pedestrians. Jirrizulta ampjament ukoll li b'diligenza ordinarja l-konsegwenza ta'l-agir volut ta'l-imputat (cioe il-fatt li jibqa ghaddej b'l-istess velocita ghalkemm ra anzjan jaqsam it-triq) kien facilment prevedibbli pero hu naqas li jipprevedih.

Illi f'dawn ic-cirkostazni l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunisdrat

---

[54] Depozizzjoni a fol 112.
[55] Kif citat fis-sentneza Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'sewqan traskurat, bla kont u perikoluza.

Illi huwa pacifiku f'l-ordinament guridiku taghna x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz:

> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> *Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*
>
> *Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*[56]

Illi naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan. F'l-istess sentenza hawn kwotata gie ritenut ukoll li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' *recklessness* li giet definita bhala *wilfully shutting one's eye*. Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Illi fil-fehma tal-Qorti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li s-sewqan ta'l-imputat jaqa f'definizzzoni ta' sewqan perikoluz ghaliex huwa deliberatament

[56] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

ghalaq ghajnejn ghall-konsegwenzi prevedibbli ta'l-agir tieghu b'mod li s-sewqan tieghu kien ta' perikolu ghal terzi.

Illi konsegwentment it-tieni imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflita l-Qorti ddeliberat fit-tul.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma reati mill-aktar serji li kellhom konsegwenzi gravi u wasslu addirittura ghall-mewt ta' persuna. Il-Qorti hija konsapevoli li l-ebda piena ma' tista' tpatti ghat-telf ta' hajja, fil-verita l-iskop tal-piena mhux wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li

> *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[57]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

[57] Ref Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi ai termini tal-Ligi l-piena prevista ghall-ewwel imputazzjoni[58] hija jew ta' prigunerija ta' mhux aktar minn erbgha snin jew multa ta' mhux aktar minn €11,646.87; inoltre l-Qorti b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kaptolu 9 tista' tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenza tas-sewqan ghal dak il-perjodu li jidhrilha opportun, dan naturalment minbarra minbarra l-iskwalifika tassattiva ai termini ta'l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65.

Illi huwa car mill-fedina penali li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li sservi ta' deterrent[59].

Illi fil-kaz in ezami l-imputat huwa ragel adult[60] u m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija. Aktar minn hekk mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa diga kien instab hati ta' sewqan perikoluz ghalkemm mhux bil-konsewgenzi fatali li sehhew fil-kaz in ezami.

Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl ta' dak kollu hawn suespost il-Qorti hija tal-fehma li l-unika piena li tista' taghti hija wahda karcerarja li pero trid tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz is-sehem li kellu Salvatore Attard bin-negligenza tieghu kif ukoll il-fedina penali kwazi netta ta'l-imputat. Dwar is-sospensjoni tal-licenzja ghandu jigi rilevat li ai termini ta'l-artikolu 30[61] tal-Kapitolu 9 tista' tiskwalifika lill-imputat ghal dak iz-zmien li jidhrilha hi u mhiex marbuta bit-termini stabbiliti fil-Kapitolu 65. L-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 fil-fatt ma jimponiex limiti fuq it-terminu ta' skwalifika.

Ghal dawn il-motivi,il-Qorti wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sitt xhur prigunerija** u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 **tiskwalifikah minn kull licenza tas-sewqan ghal perjodu ta' hames (5) snin**. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-**

[58] Dak huwa r-reat l-aktar gravi li tieghu qed jinstab hati l-imputat; peress li l-imputazzzjoni l-ohra hija assorbieta fiha l-piena li trid tinghata hija dik stabbilita ghal din l-ewwel imputazzjoni.
[59] Ref ukoll Pulizija vs Antoine Cassar Appell Kriminali deciz 22.09.2009.
[60] Kellu 36 sena meta sehh l-incident.
[61] Dan l-artikolu jista' jigi applikat fil-kaz in ezami ghaliex l-imputat qed jinstab hati ta'l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 u mhux biss ta' reati that il-Kapitolu 65.

**somma ta' elfejn u erbgha Euro u sebgha u tlettin il-centezmu (€2004.37)** rapprezentanti l-ispejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta'esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**